# DUN KARM – WIĊĊ MALTI GĦALL-MUNITA EWRO

L-Akkademja tal-Malti tixtieq tħeġġeġ lill-pubbliku jieħu sehem fil-kompetizzjoni li qed iniedi n-NECC (National Euro Changeover Committee) sabiex jingħażlu t-tliet disinji li se jintużaw fuq in-naħa nazzjonali tal-muniti Ewro. Il-kumitat imsemmi qed jipproponi diversi xbihat biex il-pubbliku jagħżel minnhom, imma qed jagħti wkoll l-opportunità lill-pubbliku biex jipproponi xbihat alternattivi.



Indikazzjoni ta’ kif tista’ tidher il-munita Ewro b’wiċċ Dun Karm fuqha. It-tpinġija ta’ wiċċ il-poeta saret minn Luciano Micallef għall-edizzjoni annotata minn Oliver Friggieri tal-poema *Il-Jien u Lilhinn Minnu* (Pubblikazzjoni T. Cortis, 1988)

L-Akkademja jidhrilha li fost it-temi proposti m’hemmx waħda li tirrappreżenta l-kultura ħajja tal-poplu Malti. Għalhekk qed nipproponu li bħala rappreżentant ta’ din il-kultura jingħażel il-poeta nazzjonali Dun Karm. Fost l-artisti Maltin ta’ kull żmien, Dun Karm huwa żgur l-aktar wieħed magħruf. Għalkemm nistgħu nargumentaw li kien hawn artisti oħrajn li spikkaw aktar, jew li huma magħrufin aktar barra minn pajjiżna, fost il-Maltin żgur li kulħadd jaf lil Dun Karm, jekk mhux għall-poeżiji studjati l-iskola, għall-Innu Malti jew l-Innu ta’ Filgħaxija. Fuq kollox, kmieni fis-seklu għoxrin, Dun Karm ta eżempju ħaj ta’ kif lingwa żgħira bħalma hi tagħna tista’ tittella’ għal-livell ta’ lingwa tal-kultura.

Il-proposta tagħna hija aktar f’saħħitha fid-dawl ta’ l-iżviluppi li seħħew fil-qasam tal-lingwa f’dawn l-aħħar snin. Kieku ma kinux nies bħal Dun Karm li mal-mitt sena ilu pproponew il-Malti bħala lingwa sħiħa, li tista’ tintuża fl-oqsma kollha tal-ħajja, kieku aktarx illum m’għandniex il-Malti bħala lingwa uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, il-biża’ ta’ Dun Karm li fost il-Maltin hemm min ikasbar l-lingwa li tidentifikana u fuq kollox taqdina aktar milli tista’ taqdina kull lingwa oħra għadu attwali.

Għalhekk billi jagħżlu lil Dun Karm għal fuq il-muniti ewro, il-Maltin ikunu qed jagħtu sinjal li jixtiequ jiġu rrappreżentati bħala poplu li jaħseb, jitkellem, li għandu kultura u letteratura tiegħu, u mhux biss bħala poplu li nzerta jgħix fuq gżira li t-turisti għandhom iżuru.

Kull min jaqbel ma’ dan ir-raġunament għandu jibgħat messaġġ fuq in-numru 5061 1000 bil-kitba “L-Identità Maltija – Dun Karm” u jwassal din l-idea lil kull min jaf.